MINISTERU
TA' L-EDUKAZZJONI
ŻGĦAŻAGĦ U XOGĦOL

MINISTRY
OF EDUCATION,
YOUTH AND EMPLOYMENT

MALTA

**MEYEPR 004/05**

**Press Handout** **15/02/2005**

**Diskors mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Dr. Louis Galea, fl-okkazjoni tan-nominazzjoni tal-finalisti għall-45 Edizzjoni tal-Għażliet Sportivi Nazzjonali, Sala Robert Samut, Floriana, is-Sibt, 15 ta' Jannar, 2005.**

Huwa bi pjaċċir li għal darb' oħra l-Ministeru responsabbli għall-isport qed jieħu sehem, flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport, fl-inizjattiva annwali, l-***Għażliet Sportivi Nazzjonali***, organizzata mill-Għaqda Kittieba Sport. Hija okkazjoni oħra li fiha nirrikonoxxu l-ħiliet ta' l-isportivi Maltin u Għawdxin u infissru l-apprezzament tagħna għall-ħidma li sportivi u dawk kollha li jaħdmu fl-isport iwettqu biex anke f'dan il-qasam il-poplu tagħna jassigura l-iżvilupp mixtieq.

Din hi wkoll okkażjoni tajba biex infisser kif il-Gvern qed iħares lejn dan il-qasam. Fejn aħna llum? Għaliex jimpurtana ħafna mill-isports? Fejn irridu immorru? Kif ser naslu? Dawn huma mistoqsijiet li l-Gvern qed jagħmel tista` tgħid fuq kull qasam tat-tmexxija ta' pajjiżna. Huwa daqstant ieħor tajjeb li dawn il-mistoqsijiet isiru wkoll fuq l-isport bl-impenn li anke dan il-qasam ninsġuh fit-tessut tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku li pajjiżna għandu bżonn biex jieħu sehem bi frott mill-opportunitajiet li jeżistu fid-dinja tal-lum.

Naf li mistoqsija oħra li għandkom f'moħħkom hi: kif iħares, u x'importanza jagħti, dan il-Ministru lill-isports? Meta kont qed infassal il-ħsebijiet li llum xtaqt naqsam magħkom biex inwieġeb dawn il-mistoqsijiet li semmejt, bdejt minn kif il-liġi dwar l-isports tiddefenixxi din il-kelma. U inħoss li l-punt tat-tluq tagħna għandu jerġa` jkun ħarsa lejn il-firxa wiesgħa li biha il-Parlament tagħna ħares lejn is-suġġett. X'inhi it-tifsira ta' sport fil-liġi tagħna? Nixtarruha flimkien:

"Sport tinkludi kull forma ta' attivita` fiżika jew mentali li, permezz ta' parteċipazzjoni każwali jew organizzata, jew permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ, tkun immirata biex ittejjeb is-saħħa fiżika u mentali, toħloq relazzjonijiet soċjali, jew biex jinkisbu riżultati f'kompetizzjonijiet fuq livelli differenti…" (Art 2, Kap 455 ).

IL-FURJANA, MALTA
TEL : (+356)21223622, 25982512, 25982513 FAX : 242759
E-MAIL: communications.moed@gov.mt

Naturalment din mhix xi tifsira li inventajna aħna hawn Malta, iżda hi tifsira rikonoxxuta internazzjonalment. Din hi l-bażi tal-liġi dwar l-isport li daħlet fis-seħħ sentejn ilu, fis-27 ta' Jannar 2003.

Il-liġi, f'artikolu 3, titkellem ukoll dwar il-prinċipji li fuqhom il-Gvern hu mistenni li jimxi fit-tifsil u t-twettiq tal-politika tiegħu dwar l-isport. Tajjeb li niftakru x'inhuma:

- L-edukazzjoni fiżika u l-isport għandhom jiġu mgħallma u ppratikati fl-iskejjel kollha.
- M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fejn jidħol l-isport.
- L-Istat jagħraf li kulħadd għandu jingħata l-opportunita` li jieħu sehem fl-isport.
- L-attivitajiet sportivi kollha għandhom jirrispettaw id-dinjita` umana.
- M'għandu jintuża xejn fl-isport li jisfrutta ż-żgħażagħ.
- Fl-isport għandu jiġi imħares il-prinċipju tas-sussidjarjeta` fuq kull livell.

Il-Gvern irid li t-tifsira ta' l-isport u dawn il-prinċipji mhux biss isiru magħrufa u aċċettati aktar, imma li nimpenjaw ruħna b'mod konkret u strateġiku biex inlaħħmuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Eluf ta' Maltin u Għawdxin hum akkaniti u appassjonati fuq l-isport, u numru kbir jieħdu sehem f'attivita` fiżika jew sportiva. Hawn min għalih, jew għaliha, l-attivtita` fiżika jew sportiva hi ħaga ta' gost, hobby, jew ħaġa bżonnjuża għas-saħħa. Oħrajn jieħdu sehem fuq livell agonistiku u kompettitiv.

Iżda l-valur ta' l-isport huwa ħafna aktar minn daqshekk. L-isport huwa għodda b'saħħitha u effikaċi biex il-poplu tagħna jilħaq miri ambizzjuzi fit-titjib ta' l-istandards tal-kwalita` tal-ħajja.

Il-biċċa l-kbira ta' din l-attivita` fiżika u sportiva issir mingħajr l-intervent tal-Gvern. Dan hu sewwa u l-Gvern m'għandux jidħol għal attivitajiet li s-setturi volontarji u privati diġa` qed iwettqu b'ħeġġa`, krejattiva, inizjattiva u b'livelli tajbin. Xogħol il-Gvern hu li jinkoraġixxi, jappoġġja, jempawerja, jara li hemm il-policies u l-istrateġiji nazzjonali, b'miri ċari, biex il-poplu kollu jifhem fejn irridu naslu u jkollu l-faċilitajiet ħalli jasal.

Tajjeb, f'dan l-istadju, nagħti ħarsa ħafifa lejn xogħol li qed jagħmel il-Kunsill Malti għall-Isport (KMS). Fis-sentejn li għaddew sar ħafna xogħol minn dan il-Kunsill li, għalkemm għadu qed isib saqajh u għaddej mil-*learning curve* tiegħu, wettaq ħidma kbira biex jintlaħqu l-iskopijiet li għalihom twaqqaf u biex l-amministrazzjoni tal-politika pubblika sportiva titpoġġa fuq bażi ġdida u

b'riżulati aħjar u biex tiżdied l-efficjenza fl-amministrazzjoni tal-faċilitajiet governattivi. Insemmi xi eżempji ta' din il-ħidma :

- Il-KMS kellu 224 laqgħat is-sena li għaddiet ma' Assocjazzjonijiet Sportivi Nazzjonali, Klabbs ta' Sport, Klabbs ta' Żgħażagħ u Għaqdiet Volontarji.
- Ġew approvati 67 talba (minn 83) minn Maltin (atleti, coaches u uffiċjali) għal Leave Speċjali għall-Isport (Hu stmat li f'dan il-leave l-Gvern ħareġ 500 ġurnata ta' xogħol).
- Inħarġu 115 permess ta' xogħol lil atleti u coaches barranin.
- F'Ġunju li għadda l-Gvern, għat-tielet darba, talab lill-Parlament japprova Riżoluzzjoni oħra li biha trasferixxa 26 faċilita` lill-għaqdiet sportivi.
- Rajna użu massiv minn kwantita` ta' għaqdiet u assoċjazzjonijiet sportivi tal-Kumplessi Sportivi tal-Gvern f'Għawdex, il-Kottonera, l-Universita`, il-Pixxina Nazzjonali, u l-Marsa u ospitajna wkoll okkazjonijet ta' logħob bħall-FISEC Games, Commonwealth Weightlifting Championships. Tajjeb nghid li s-sussidju għall-użu ta' dawn il-faċilitajiet hu stmat li jilħaq LM 73,300.
- Saret ukoll ħidma fl-Iskola Sports, l-Sports for All, Skola Sports Sajf, u l-Swimming Promotion Unit.

Fejn qed iwassalna dan kollu. Nibda biex nemfasizza li għad m'għandniex informazzjoni u statistika biżżejjed u koordinata biex nistgħu naraw stampa ċara ta' fejn aħna u fejn sejrin. Għaldaqstant, bilfors ikolli nislet, minn hawn u minn hinn, indikaturi, li l-bażi xjentifika għalihom għad trid tissaħħaħ, biex nibdew nifhmu aħjar x'irridu norbtu flimkien.

Ħalli insemmi ftit affarijiet:

- Żieda fit-tipjip u l-konsum tal-alkoħol fost iż-żgħażagħ.
- Fl-obesita` qbiżna l-Istati Uniti ta' l-Amerika[1] - 13.5% subien u 17% bniet huma ħoxnin u nafu li min ikun oħxon meta hu żgħażugħ għandu aktar ċans li jkun oħxon meta jikber, u li l-ħxuna għandha tendenza li ġġib magħha r-riskju ta' kolesterol għoli u dijabete. Nafu wkoll li min hu oħxon jew għandu piż żejjed jista` jkollu stima anqas tiegħu inniffsu.

[1] Survey tal-WHO dwar stili ta' hajja fost zghazagh Maltin ta' 13 il-sena

**Problema ta' inattivita` fiżika**

Dan l-aħħar sirt naf ukoll b'indikazzjonijiet oħra :

- 25.9% ta' l-istudenti fil-primarja u s-sekondarji huma fiżikament inattivi[2] – il-problema hi akbar fl-iskejjel tal-Gvern – u dan meta l-WHO tirrakomanda siegħa kuljum ta' attivita` fiżika minn moderata sa vigoruza.
- 89.8% ma jipparteċipaw fl-ebda attivita` fiżika wara l-ħin ta' l-iskola.
- Il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel mhuma jintużaw xejn wara l-ħin ta' l-iskola.
- 48.5% huma affiljati ma' xi Klabb jew Assocjazzjoni sportiva – bl-irġiel aktar attivi minn nisa. Din l-affiljazzjoni hija aktar għolja fl-eta` ta' 10 snin (57.1%) iżda tinżel b'mod qawwi sal-eta` ta' 15 il-sena (39.4%) imbagħad terża` tiżdied bil-mod.
- 70.1% jagħmlu xi attivita` fiżika mal-ħbieb jew mal-familja
- 81% jixtiequ li jieħdu sehem f'xi sport jew attivita` fiżika
- Filwaqt li ħafna jsegwu l-isport mit-TV, radju u gazzetti, ftit huma dawk li jmorru jaraw l-isport.
- L-irġiel huma interessati u jieħdu sehem fl-isport aktar minn nisa.
- 97.4% jafu li hemm benefiċċji fl-isport u fl-attivita` fiżika.

Dan kollu diġa` juri biżżejjed ċar kemm hemm benefiċċji kbar u fit-tul jekk tassew niżviluppaw u inħaddmu strateġija preventiva mibnija fuq is-saħħa tat-tfal u taż-żgħażagħ b'allejanzi bejn is-saħħa u l-edukazzjoni, l-attivita` fiżika u l-inkluzjoni soċjali, l-isport u d-divertiemt taż-żgħażagħ u t-turiżmu, dan kollu b'nisġa ma' strateġija kontra d-delinkwenza u l-abbuż tad-droga u l-alkohol. Nafu li hemm problemi ta' ħin, ta' kif ikollna tagħlim u taħriġ trans-kurrikulari, ta' kif nimplimentaw strateġiji ta' ikel b'saħħtu, ambjent b'saħħtu, emozzjonijiet b'saħħithom, ta' kif ser innaqqsu l-ħin quddiem it-TV, il-komputer, il-logħob bil-video.

[2] School-Aged Children's Participation in Physical Activity and Sport, Rose Ann Gatt B.Ed.(Hons.), Dip(PE), RSA (UK), 2004. Ricerka fost tfal u zghazagh bejn 9 -16 il-sena fi- skejjel primarji u sekondarji. Irrispondew 1909.

Fejn irridu immorru?

Wieħed mill-indikaturi li bih nagħtu ħjiel tas-sitwazzjoni huwa l-kwantita` u l-kwalita` tal-parteċipazzjoni fl-attivita fiżika u l-isports mill-popolazzjoni in ġenerali. Isiru mistoqsijiet bħal kemm il-darba f'sena jew fil-ġimgħa persuna tkun għamlet sport jew attivita` fizika? Per ezempju:

L-istatistika dwar kemm mill-popolazzjoni ħadet sehem f'xi sport għal aktar minn tnax il-darba f'sena għal dawn il-pajjiżi hi hekk: ir-Renju Unit 46%, l-Isvezja 70% u l-Finlandja 80%. L-istatistika dwar adulti li jkunu għamlu għallanqas tletin minuta attivita fiżika għal ħames darbiet fil-ġimgħa hi: ir-Renju Unit 32%, l-Awstralja 57%, u l-Finlandja 70%. Għal Malta kemm hi?

X'impatt għandhom, fuq ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-attivita` fiżika u sportiva, fatturi bħall-grupp soċjali li wieħed jappartjeni għalih, hux svantaġġjat jew le, intix raġel jew mara, għadekx l-iskola jew le? Huwa fatt aċċettat li aktar kemm persuna tkun attiva u sportiva meta tkun żgħira aktar hemm ċans li din il-persuna tkun attiva u sportiva meta tikber.

Kif qed taraw, il-Gvern ma jħarisx lejn l-attivita` fiżika u l-isport biss mill-lenti ta' sodisfazzjon li dawn jagħtu sew bħala passatemp, rikrejazzjoni, sew bħala logħob kompetittiv. Għalkemm dan huwa importanti ħafna u jeħtieġ li jibqgħu fatturi li jimmotivaw lin-nies għaliex dan hu valur fih inniffsu, fil-politika dwar l-isport il-Gvern jara rabta u benefiċċji sew soċjali kif ukoll ekonomiċi.

Ir-riċerka turi bl-aktar mod ċar ir-rabta diretta bejn attivita` fiżika regolari u titjib fis-saħħa tal-popolazzjoni f'kull eta`. Għalhekk, l-akbar benefiċċju li l-Gvern jara huwa fil-kwalita` ta' saħħa li jista` jgawdi l-poplu tagħna. Barra minn hekk, l-isport u l-attivita` fiżika, flimkien ma' miżuri u inizjattivi oħra, għandhom impatt posittiv fuq l-iżvilupp edukattiv, l-inkluzjoni soċjali u t-tnaqqis fir-rata ta' kriminalita`. M'hemmx dubju l-edukazzjoni għandha sehem fiż-żieda tal-parteċipazzjoni hekk kif l-attivita` fiżika u l-isport għandhom impatt posittiv fuq l-edukazzjoni. L-attivita` fiżika u l-isport jibnu kultura ta' stima, fiduċja, leadership, teamwork, awto-dixxiplina, u b'hekk jibnu komunitajiet sħaħ, u nazzjon, aktar b'saħħithom.

Ir-riċerka turi li tletin minuta ta' attivita` fiżika moderata kuljum għal ħames darbiet fil-ġimgħa tgħin ħafna biex tnaqqas il-mard kardjovaskulari, ċerti tipi ta' kanċer, puplesiji, d-dijabete u l-obesita`. Ir-riċerka illum qed tagħmilna aktar konxji sew tal-benefiċċji tal-attivita` fiżika kif ukoll tal-prezz, inkluż finanzjarju, li rridu inħallsu għall-inattivita` u ħajja sedentarja bil-kondizzjonijiet ta' mard relatati magħhom.

Bħal f'kollox, il-Gvern irid li jaħdem fil-qrib ma' dawk kollha li jipprovdu l-isports u l-attivita` fiżika - settur volontarju u privat, kunsilli lokali, skejjel, għaqdiet, clubs, assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet – biex intejjbu il-kwalita` tal-ħajja tal-poplu Malti u nilħqu miri prinċipali (outcomes) stabbiliti. Nemfasizza li għandna diġa` bażi tajba fuq x'hix inkomplu nibnu għaliex, fiċ-ċokon u l-limitazzjonijiet tagħna, qed nibdew din is-sena diċa` b'popolazzjoni aktar konxja u b'riżultati sportivi f'ċerti dixxiplini li jagħtu sodisfazzjon lill-pajjiż kollu.

Bħalissa l-Kunsill Malti għall-Isport qed iħejji dokument li ser jgħinna nagħtu ħarsa mill-ġdid lejn l-istrateġija u l-prioritajiet f'dan il-qasam u biex nidħlu f'aktar dettal kif il-Gvern jista` jagħti sehmu aħjar. Għalhekk, huwa opportun li nispjega id-direzzjoni u l-miri li qed inpoġġi għall-konsiderazzjoni f'din l-istrateġija.

1. Bħal f'kollox irridu nibdew billi nsaħħu l-għeruq tas-soċjeta`. Jekk irridu kwalita` u riżultati aħjar l-ewwel irridu npoġġu l-pajjiż fit-triq fejn tiżdied b'mod sinifikanti r-rata ta' parteċipazzjoni tal-popolazzjoni fl-attivita fiżika u fl-isport, b'fokus speċjali fuq it-tfal, iż-żgħażagħ, in-nisa u l-anzjani flimkien ma' gruppi bi bżonnijiet speċjali jew żvantaġġjati. Fi ftit kliem irridu ħafna aktar Maltin jiċċaqilqu ħafna aktar.

2. It-tieni, irridu niksbu livell sostenibbli ta' suċċess f'xi dixxiplini sportivi f'kompetizzjonijiet ta' livell reġjonali u internazzjonali. Fi kliem ieħor Malta trid aktar medalji.

M'hemmx dubju li biex niżviluppaw mentalita` u kultura ta' poplu sportiv u fiżikament attiv jeħtieġ bidla sinifikanti fl-imġieba u l-istili ta' ħajja tal-poplu kollu, ħaġa li tinħtieġ perjodu ta' żmien kalkolat fuq għoxrin sena. Irridu nindirizzaw il-kwestjoni ta' aċċess u opportunitajiet fuq bażi ta' ekwita u ugwaljanza bejn il-gruppi soċjali differenti.

Fejn irridu naslu? X'għandhom ikunu il-miri nazzjonali?

1. Programm ta' inkoraġġiment biex noħolqu kultura ta' parteċipazzjoni tal-massa, inkluż l-anzjani, fl-attivita` fiżika. Sa l-2010 irridu naslu biex 20 % tal-popolazzjoni tkun qed tagħmel għallanqas 30 minuta ta' eżercizzji fiżici ta' kwalita` ħames darbiet fil-ġimgħa. Dan il-persentaġġ irid jitla` għal 30% sal- 2015, u għal 50% sal-2020.

2. Inridu li t-tfal **KOLLHA** jieħdu sehem fl-isport u fl-attivita` fiżika. Għal dan l-iskop jeħtieġ nirrivoluzzjonaw is-sistema ta' attivita` fiżika u sportiva fl-iskejjel. Is-sħubija bejn skola u sport trid tikkaratterizza l-istrateġija.

3. Sa l-2010 irridu nassiguraw li 75% tat-tfal ta' l-eta` bejn 5 u 16 il-sena fl-iskejjel primarji u taż-żgħażagħ fl-iskejjel sekondarji ikunu qed jagħmlu sagħtejn fil-ġimgħa ta' eżerċizzji fiżiċi ta' kwalita` u ta' sport. Irridu nimmiraw li sal-2015 intellgħu iż-żmien għal tliet sigħat fil-ġimgħa u li n-numru ta' studenti jitla għal 100%. Il-ħin mgħoddi f'dawn l-attivitajiet ikun sew waqt kif ukoll wara l-ħin ta' l-iskola. Irid isir xogħol biex fit-transizzjoni li jgħaddu minnha iż-żgħażagħ fl-eta` ta' sittax il-sena ir-rabta ma' l-isport u l-attivita` fiżika ma tintilifx.

4. L-Universita` u l-MCAST iridu jiżviluppaw bis-sħiħ ir-rikonoxximent permezz ta' krediti ta' studju u taħriġ iż-żmien li studenti jgħaddu f'attivita` fiżika u sportiva rikonoxxuta u ċertifikata minnhom.

5. Inridu wkoll li, permezz tal-Universita`, l-MCAST u l-KMS, naslu f'sitwazzjoni fejn sal- 2015 kull min jikkowċja t-tfal u ż-żgħażagħ ikollu t-taħriġ meħtieġ u ċ-ċertifikati stabbiliti.

6. Inridu li sal-2010 il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-Gvern jibqgħu jintużaw fit-tul wara l-ħin ta' l-iskola l-ewwel mit-tfal ta' l-istess skola, imbagħħd miż-żgħażagħ u l-komunita` tal-lokalita`.

7. Inridu li sal-2010 nilħqu ftehim ta' sħubija (partnership) ma' l-iskejjel tal-Knisja u dawk privati kif ukoll ma' għaqdiet volontarji u privati u Kunsilli Lokali biex, flimkien ma' l-iskejjel tal-Gvern, jintisġu numru ta' networks reġjonali, li jkunu jinkludu l-Kumplessi Sportivi tal-Gvern, b'mod li l-parteċipazzjoni ta' massa f'eżerċizzji fiżiċi li qed nimmiraw għaliha tkun tista` tiġi sodisfatta f'dawn in-networks ta' faċilitajiet. Jekk jirnexxielna noħolqu kultura ta' tim fl-użu tal-faċilitajiet sportivi inkunu nistgħu nimmiraw għal ħidma aktar professjonali u speċjalizzata. B'hekk ikun possibbli wkoll li reġjuni differenti f'Malta jkollhom strateġija reġjonali fil-qasam tal-attivita` fiżika għall-massa u l-isports.

8. Dan ifisser li f'dawn it-tlett snin irridu inlestu l-Kumpless fil-Karwija u dak fin-naħa ta' fuq ta' Malta, b'involviment tas-settur privat.

9. Nemmen ħafna li l-attivita` fiżika u l-isport li għandu x'jaqsam mal-ilma (għawm, sailing, waterpolo, eċċ) għandhom jiġu privileġġjati.

10. Il-Gvern irid itejjeb u jkattar l-opportunitajiet għal aktar parteċipazzjoni, li jimbotta l-iżvilupp tat-talent, li jappoġġja in-nisa u l-irġiel sportivi jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet sa l-ogħla livell. Għal dan l-iskop ser inwaqqaf Skema ta' Scholarships għal Atleti b'Talent.

11. Irridu intejjbu l-ġbir, l-kwalita` u l-koordinament ta' informazzjoni, statistika, surveys u riċerka biex insaħħu l-kapaċita` tagħna lkoll li nibbażaw id-deċiżjonijiet tagħna fuq tagħrif u analiżi ta' evidenza.

12. Din is-sena inpoġġu fuq bażi soda il-politika tagħna dwar l-użu illeċitu ta' sustanzi u medicini fl-isport, jew kif hu magħruf id-Doping. Din il-problema qed tiġi attakata serjament u ser inkomplu nagħtu l-għajnuna finanzjarja għat-testijiet u billi inniedu regolamenti għat-twettiq tal-politika tal-Gvern f'dan il-qasam fuq id-direzzjoni tal-WADA.

13. Irridu nagħtu valur miżjud għall-investiment u l-faċilitajiet sportivi tal-Gvern.

Naturalment ħafna jsaqsu minn fejn ser jiġu l-fondi għal dan kollu. Tajjeb l-ewwelnett infakkar li l-KMS amministra eluf kbar ta' liri f'assistenza teknika u sponsorships. Kellu wkoll jonora numru ta' impenji għal diversi proposti u proġetti f'faċilitajiet. Kellna wkoll spejjeż ta' manteniment jew tiswija ta' ħsarat fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali u l-Marsa. Ingħatat assistenza biex ġew organizzati f'Malta l-European Junior Waterpolo Championship, l-European Winter Throwing (Athletics) Championship, l-International Hockey Christmas Tournament, is-Cycling Tour ta' Malta, l-International Dancing Competition, l-Middle Sea Race u l-FISEC Games. In-nefqa rikorrenti u kapitali tal-Gvern għall-aħħar tlett snin kienet : 2002 = LM 1.850 m; 2003 = LM 1.550 m; 2004 = LM 1.520 m. Ghall-2005 hu stmat li ninvestu LM 1.480 m. Matul din il-ġimgħa ser inkun qed nittratta l-għajnuna dovuta lill-Kumitat Olimpiku Malti. Dan ma jinkludix eluf kbar ta' liri f'investiment li l-Gvern qed jagħmel fil-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tiegħu.

Dan ma jfissirx li dan kollu hu biżżejjed. Iżda nemmen li f'qafas ta' strateġija ċara u komprensiva kiif qed nissuġerixxi u fi pjanijiet regolari miftiehma għal numru ta' snin, ikollna mezzi finanzjarji aħjar biex inwettqu l-politika tal-Gvern.

Dawn huma uħud mill-linji politiċi u ta' direzzjoni li bħala Ministru responsabbli għall-isport, iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni irrid nagħti biex ikunu inklużi fl-istrateġija li l-Kunsill Malti għall-Isport qed ifassal għat-tlett snin li ġejjin. L-isport ma jistax jibqa` l-qasam ta' min biss jinteressah. Lanqas jista` jibqa` biss ir-responnsabbilita` ta' min jinzerta jkun il-Ministru għall-isport. Jien qed naħdem fil-qrib b'mod partikolari mal-Ministri tas-Saħħa, tal-Politika Soċjali, ta' l-Intern, u tat-Turiżmu għax ilkoll għandna obbjettivi importanti x'niksbu bi starteġija koordinata fl-attivita` fiżika u fl-isport fuq livell ta' poplu sħiħ. Mhux l-anqas, il-Prim Ministru jrid li dan ikun settur minsuġ fil-Gvern kollu kemm hu għax jara fih element importanti ħafna biex jinkisbu l-miri tal-Gvern fl-ekonomija, fl-edukazzjoni u fl-ambjent.